MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 724/2007

**Talba Nru: 724/07VGD**

Alfsons  Enterprises Limited

Vs

Etienne Vella.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' elf, erba mija u sbatax il-lira Maltin u dsatax il-centezmu (Lm1417.19c) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija lilu mibjugha u konsenjata, bl-ispejjes inluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-2 ta' Dicembru 2005, tas-6

ta’ Jannar 2006, tal-21 ta’ Mejju 2007 u tal-10 ta’ Awissu 2007 u bl-imghax legali mit-2 ta’ Dicembru 2005, id-data ta’ l-ewwel ittra, sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, erba mija u sbatax il-lira Maltin u dsatax il-centezmu (Lm1417.19c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------